MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 5/2003/1

Rikors Nru: 5/03

Kummissarju ta' l-Art

vs

Emma Busuttil, Lilian Wismayer u Paul England

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Artipprezentat fl-24 ta' Frar, 2003 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'avviz ghall-Ftehim datat 20 ta' Jannar, 2003 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-limiti ta' l-Imdina, tal-kejl ta' madwar 130 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, mix-Xlokk u mill-Lbic ma' proprjeta' tal-werrieta ta' William John England, jew irjieh verjuri huwa ta' mija u ghoxrin lira

Maltija (Lm120) kif jidher mir-rapport tal-perit Joseph Mizzi A&C.E. tal-11 ta' Ottubru, 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2003 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hames mija u wiehed u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm591.50)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-preovvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra li l- intimati kkontestaw it- talba.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Renato Laferla u l-AIC Godfrey Vella.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li stabbilew li l-art hija wahda agrikola u haqqha kumpens ta' mitejn u hamsa u disghin (Lm295.00) lira Maltija liema relazzjoni ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jghaddulu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut bicca art fil-limiti ta' l-Imdina, tal-kejl ta' madwar 130 metru kwadru bil-kumpens ta' mitejn u hamsa u disghin (Lm295.00) lira Maltija li li tmiss mill-Grigal, mix-Xlokk u mill-Lbic ma'

proprjeta' tal-werrieta ta' William John England. Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew in-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fis-6 ta' April, 2005 fl-10:30a.m. fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lid-Dottoressa Daniele Mangion biex tirrapprezenta lill-kontumaci fuq l-att. L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammnot offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------